TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 54/19/F

**Kevin Cachia**
**vs**
**Bonsons Ltd.**

Illum, 3 ta' Diċembru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-8 ta' Mejju, 2019 fejn ir-rikorrenti talab danni elf Ewro (€1,000), rappreżentanti prezz ta' mutur li mtela kollu sadid filwaqt li beda wkoll jiżviluppa xi problemi tekniċi.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta,

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara mutur mingħand is-soċjeta' ntimata li kien fix-showroom għal diversi snin, pero' tah sentejn garanzija u xtrah bi prezz ridott ta' elf Ewro (€1,000). Illi wara 8 xhur irriżulta li dan il-mutur imtela bis-sadid u kellu ħsarat tekniċi.

It-Tribunal, jinnota li hija stramba kif ir-rikorrenti ħalla l-mutur jimtela daqshekk bis-sadid qabel ma mar jilmenta għand id-ditta ntimata, kif ukoll jekk kien qed jilmenta li ma kellux biżżejjed power, u li ma kellux saħħa messu mar għandu mall-ewwel, pero' xorta hemm il-fatt li hemm il-garanzija ta' sentejn illi tkopri dawn l-affarijiet.

It-Tribunal, mhux qed jemmen il-verżjoni ta' l-intimat li l-mutur ġralu hekk minħabba tort tal-melħ tal-baħar, minkejja li joqgħod Bubaqra, u li l-mutur m'għandux ikollu daqshekk sadid fi żmien daqshekk qasir, anke tenut tal-fatt illi dan kien fix-showroom għal diversi snin.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' sitt mitt Ewro (€600), u b'dan illi l-mutur jibqa' propjeta' tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888